

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Marzu 2017 – SEAE vs KL(Kawża T-278/15 P) ⁽¹⁾**(“Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2013 — Nuqqas ta' inklużjoni fil-lista tal-uffiċjali promossi — Assenza ta' żball ta' liġi”)**

(2017/C 129/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) (rappreżentanti: inizjalment S. Marquardt u M. Silva, sussegwentement S. Marquardt, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: KL (rappreżentanti: N. de Montigny u J.-N. Louis, avukati)

Intervenjent insostenn tal-appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid u C. Berardis Kayser, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea [kunfidenzjali] ⁽²⁾ u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn KL fil-kuntest ta' din l-istanza.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha relatati ma' din l-istanza.

⁽¹⁾ ĠU C 294, 7.9.2015.

⁽²⁾ Informazzjoni kunfidenzjali ommessa.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Marzu 2017 – Bank Tejarat vs Il-Kunsill(Kawża T-346/15) ⁽¹⁾**(“Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Iran bil-għan li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari — Iffriżar ta' fondi — Inklużjoni mill-ġdid ta' isem ir-rikorrent fil-listi — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Awtorità ta' res judicata — Użu ħażin ta' poter — Drittijiet fundamentali”)**

(2017/C 129/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Bank Tejarat (Teheran, l-Iran) (rappreżentanti: S. Zaiwalla, P. Reddy u A. Meskarian, solicitors, M. Brindle, QC, u R. Blakeley, barrister)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bishop u A. Vitro, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/556, tas-7 ta' April 2015, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2015, L 92, p. 101), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2015/549, tas-7 ta' April 2015, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2015, L 92, p. 12), sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrent.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Bank Tejarat huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 302, 14.9.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 8 ta' Marzu 2017 – Rafhaelo Gutti vs EUIPO – Transformados del Sur (CAMISERIA LA ESPAÑOLA)

(Kawża T-504/15) ⁽¹⁾

[Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva CAMISERIA LA ESPAÑOLA — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti li tirrappreżenta żewġt ibnadar f'forma ta' salib — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]

(2017/C 129/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Rafhaelo Gutti, SL (Loja, Spanja) (rappreżentant: I. Sempere Massa, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Uriarte Valiente u A. Schiffko, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Transformados del Sur, SA (Sevilla, Spanja) (rappreżentant: M. Salas Martin, avukat)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Lulju 2015 (Każ R 2424/2014-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Transformados del Sur u Rafhaelo Gutti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Rafhaelo Gutti, SL hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 354, 26.10.2015

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2017 – Biernacka-Hoba vs EUIPO – Formata Bogusław Hoba (Formata)

(Kawża T-23/16) ⁽¹⁾

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva Formata — Raġuni assoluta għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Assenza ta' mala fide — Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Raġuni relattiva għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 53(1)(a) u Artikolu 8(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 207/2009”]

(2017/C 129/30)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Ilona Biernacka-Hoba (Aleksandrów Łódzki, il-Polonja) (rappreżentant: R. Rumpel, avukat)